**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**Ġurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Mandat ta' Inibizzjoni 9/2021 BS fl-ismijiet:**

**Sultech & Co.**

**-vs-**

**Segretarju Permanenti fi Hdan il-Ministeru Ghal Ghawdex u ghal kull interess li jista' jkollu d-Direttorat Ghall-Izvilupp Regjonali EkoGhawdex**

**Illum 11 ta' Marzu 2021**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tas-socjeta' Sultech & Co. illi ppremettiet:**

Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq izomm l-intimat/i milli:

Jikkancella, iwarrab u/jew b'xi mod ma jissoktax bil-process tal-ghoti tat-tender bir-referenza (MGOZ/MPU/32/2019) u bit-titlu "Framework Agreement for the Provision, Maintenance and Regular Collection of Open Skips at various Sites in Gozo", jew b'xi mod jagixxi bi kwalunkwe mod biex jew b'rizultat illi idur ma' u/jew jittenta jgib fix-xejn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Dicembru 2020 fl-ismijiet "Sultech & Co. (P 1477) v. Ministeru ghal Ghawdex et" (Appell Numru 286/20), jew jippermettu illi jsir dan;

Illi l-fatti rilevanti ghal dan l-mandat huma s-segwenti:

Fis-26 ta' Mejju 2019 giet ippubblikat sejħa għal offerti bit-titlu "Framework Agreement for the Provision, Maintenance and Regular Collection of Open Skips at various Sites in Gozo". Permezz ta' din is-sejha, gew mistiedna l-operaturi u trasportaturi awtorizzat u licenzjati li jgorru l-Skart (Authorised Waste Carriers) mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi sabiex jipprovdu s-servizz ta' Provvista, Manutenzjoni u Ġbir Regolari ta 'Skips Miftuħa, f'diversi siti f'Ghawdex.

Sultech & Co u operaturi ohrajn, irrispondew ghal din is-sejha tal-offerti.

Fit-2 ta' Awwissu 2019, L-Unità Ministerjali għall-Akkwist fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex infurmat lill-Sultech & Co illi l-offerta taghha ma kinitx se tintlaqa', u kienet se tintlaqa offerta li saret minn Anthony Mercieca. Dan ghar-raguni li l-Bord ta' Aggudikazzjoni iddecieda illi l-offerta maghmulha minn Anthony Mercieca kienet l-aktar wahda vantaggjuza f'termini finanzjarji u li kienet ukoll tissodisfa l-kriterji amministrattivi u tekniċi.

Fid-9 ta' Awwissu 2019, l-appellant ghamel talba quddiem il-Bord ta' Revizjoni tal-Kuntratti Pubblici li permezz taghha oggezzjoni ghall-ghotja li saret mill-awtorità kontraenti.

Illi wara li l-Bord ta' Revizzjoni ma laqax l-oggezzjoni tas-socjeta rikorrenti, kien gie intavolat -Rikors ta' Appell mis-socjeta esponenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell;

Illi permezz ta' sentenza ta' nhar id-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fl-ismijiet premessi, dik l-Onorabbli Qorti laqghet it-tielet aggravju tas-socjeta esponenti (Sultech & Co) u ordnat:-

"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tipprovdi dwar l-appell billi thassar id-decizjoni tal-kumitat tal-ghazla illi l-kuntratt jinghata lil Mercieca u thassar wkoll id-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla, b'dan illi fic-cirkostanzi d-depozitu mhallas minn Sultech sabiex setghet tressaq l-oggezzjoni taghha quddiem dak il-bord ghandha tintradd. Tordna illi l-process tal-ghazla jsir mill-gdid wara li l-kumitat tal-ghazla jitlob u jinghata t-taghrif mehtieg kif imfisser fuq".

Illi wara l-istess decizjoni tal-Qorti tal-Appell u cioe' fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), l-Unità Ministerjali għall-Akkwist fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex infurmat lill-Sultech & Co li ghal darba ohra li l-offerta taghha ma kinitx se tintlaqa', u kienet se tintlaqa l-offerta li saret minn Anthony Mercieca;

Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), Sultech ghamlet talba (cioe ressqet oggezzjoni) quddiem il-Bord ta' Revizjoni tal-Kuntratti Pubblici li permezz taghha resqet oggezzjoni ghall-ghotja li saret mill-awtorità kontraenti, dan flimkien mad-depozitu

rikjest. Illi l-Bord b'decizjoni tieghu tal-1 ta' Settembru 2020 ma laqax l-oggezzjoni tas-socjeta rikorrenti, ghalhekk fit-22 ta' Settembru 2020, kien gie intavolat -Rikors ta' Appell mis-socjeta esponenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell;

Illi permezz ta' sentenza tal-1 ta' Dicembru 2020 fl-ismijiet "Sultech & Co. (P 1477) v. Ministeru ghal Ghawdex et" (Appell Numru 286/20) il-Qorti laqghet l-aggravji kollha tas-socjeta' esponenti u:-

"15. Jidher li l-intimat Anthony Mercieca qed jirrezisti milli jaghti informazzjoni tal-persuni li fuqhom sejjer jiddependi biex iwettaq il-kuntratt. Izda din l-informazzjoni hija mehtiega biex ikun hemm verifika ta' dawn il-persuni. Dan l-intimat inghatax c-cans jirriforma l-offeta tieghu, pero, baqa' ma kkjarifikax il-pozizzjoni ta' kif behsiebu jopera u jara li l-offerta tieghu tkun konferomi ma' dak li jitlob id-dokument tas-sejha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta' rikorrenti Sultech & Co. Billi tilqa' l-istess, thassar u tikkancella d-decizjoni li ha l-Bord ta' Revizjoni tal-Kuntratti Pubblici fl-1 ta' Settembru, 2020, u thassar ukoll id-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla, b'dan illi d-depozitu mhallas minn Sultech & Co sabiex tressaq l-oggezzjoni taghha quddiem dak il-Bord ghandu jintradd.

L-ispejjez kollha marbuta ma' dan l-appell ghandu jhallashom l-intimat Anthony Mercieca."

Kopja  tal-istess sentenza qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok " A"

Illi jehtieg jinghand li din l-istess tender (cioe' tal-istess mertu u natura) gja kienet ippubblikat fl-24 ta' Jannar 2019 [CFT CA Unique ID no. MGOZ/MPU T 5/2019] bit-titlu "Framework agreement for the provision, maintenance and regular collection of open skips at various sites in Gozo". Dik is-sejha kellha l-gheluq tal-offerti kien fis-27 ta' Jannar 2019. Izda kienet ikkancellat fl-10 ta' Mejju 2019. Kopja tad-dettalji u kif ukoll tal-komunikat li giet ikkancellata qieghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok "B"u Dok "C" rispettivament.

Dan jfisser li l-prezzijiet tas-socjeta rikorrenti gja saru pubblici ghal darbtejn. Jekk l-Awtorita kontraenti tithalla tikkancella/twarrab jew b'xi mod ma tissokatax bil-process tal-ghoti tat-tender bir-referenza (MGOZ/MPU/32/2019) – dan iqiegħed lil Sultech & Co f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ kompetitiv u, hija wkoll deċiżjoni anti-kompetitiva. Dan il-fattur anti-kompetitiv, li ċertament jikser il-par condicio tal-oblaturi, li ċertament huwa kontra l-ispirtu tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Dan il-fatt huwa wkoll ikkonfermat mill-gurisprudenza nostrana u dik tal-Unjoni.

Ghalhekk, li kellha u ghandha taghmel l-Awtorita kontraenti huwa li tissokata bil-process, bla ma tqis l-offerti ta' Anthony Mercieca, gala darba l-Qorti tal-Appell ikkonfermat li kellu jkun skwalifikat. Di piu' l-Qorti tal-Appell ma ikkancelaltax il-process kollu.

Ghall-finijiet tal-Artikolu 873(3) tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta, jingahd illi ma hemm l-ebda pregudizzju sproporzjonat fil-konfront tal-intimati bil-hrug tal-mandat, ghaliex ix-xoghol ghadu jsir u jista' jibqa jsir.

Illi jekk dan il-Mandat ma jintlaqax il-pregudizzju li jinholoq lis-socjeta attrici jkun sproporzjonat meta mqabbel mal-ghemil tal-haga li qieghda tintalab li tigi mizmuma. Il-pregudizzju huwa manifestament

sproporzjonat ghaliex l- zvantagg huwa ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq, ghalhekk l-esponenti huma kostretti li jipprocedu permezz ta' din il-procedura.

In oltre, din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba saibex, ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tohrog provizorjament il-mandat pendenti digriet finali.

Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif ingħad;

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel l-ħwejjeg hawn fuq imsemmija.

**Rat ir-risposta kongunta tas-Segretarju Permanenti u tad-Direttorat Ghall-Izvilupp Regjonali EkoGhawdex fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex illi eccepew:**

1. Illi din it-tweġiba qiegħda tiġi ppreżentata fit-termini tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fit-18 ta' Frar 2021;

2. Illi preliminarjament id-Direttorat għall-Izvilupp Reġjonali EkoGħawdex mhux il-leġittimu kontradittur għat-talbiet vantati mis-soċjeta' rikorrenti u dan ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi permezz ta' din il-proċedura s-soċjetà rikorrenti qegħda tinibixxi lill-intimati milli *"jikkancella, iwarrab u/jew b'xi mod ma jissoktax bil-process tal-ghoti tat-tender bir-referenza (MGOZ/MPU/32/2019) u bit-titlu "Framework Agreement for the Provision, Maintenance and Regular Collection of Open Skips at various Sites in Gozo", jew b'xi mod jagixxi bi*

*kwalunkwe mod biex jew b'rizultat illi idur ma' u/jew jittenta jgib fix-xejn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Dicembru 2020 fl-ismijiet "Sultech & Co. (P1477) v. Ministeru ghal Ghawdex et" (Appell Numru 286/20), jew jippermettu illi jsir dan";*

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jecepixxu li din it-talba tas-soċjetà rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem f' din ir-risposta;

5. Illi inoltrè tali talba hija fiergħa għall-aħħar billi din ma tissodisfax imqar wieħed mit-tliet elementi li huma meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi maħruġ mandat ta' inibizzjoni;

Fatti

6. Illi qabel xejn tajjeb li l-esponenti jispjegaw is-segwenza tal-fatti kif waslu ghal tali procedura;

7. Illi fis-26 ta' Mejju 2019 ġiet ippublikata sejħa għal offerti bit-titlu "Framework Agreement for the Provision, Maintenance and Regular Collection of Open Skips at various sites in Gozo". Permezz ta' din is-sejħa, ġew mistiedna l-operaturi u trasportaturi awtorizzati u liċenzjati li jġorru skart mill-Awtorità għal Ambjent u Riżorsi sabiex jipprovdu s-servizz ta' Provvista Manutenzjoni u Ġbir Regolari ta' Skips Miftuħa, f'diversi siti f'Għawdex;

8. B'ittra tat-2 ta' Awissu 2019 il-Ministeru intimat għarraf lis-soċjetà rikorrenti illi sejra tintlaqa' l-offerta ta' ċertu Anthony Mercieca billi kienet l-aktar waħda vantaġġjuża għall-Ministeru u wkoll illi kienet tilħaq il-kriterji amministrativi u tekniċi;

9. B'ittra tad-9 ta' Awissu 2019 is-soċjetà rikorrenti ressqet oġġezzjoni kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi ("Il-Bord") b'talba illi tigi riveduta id-deċiżjoni tal-Ministeru intimat;

10. Isegwi illi bid-deċiżjoni tas-7 ta' Novembru 2019, il-Bord iddeċieda hekk dwar l-oġġezzjoni tas-soċjetà rikorrenti:

"In conclusion, this board opines that:

»a) the tender was for the provision of equipment, so that such equipment which will be utilised for tendered services had to possess the necessary permits and licences to enable the bidder to execute the service being requested by the Authority. In this particular case, this board finds that the equipment to be utilised possesses the necessary licences and permits;

»b) the tender document does not preclude sub-contracting and the preferred bidder will be sub-contracting the utilisation of the tendered service to his son Mr Mario Mercieca, who owns the appropriate equipment to carry out the tendered service.

»In view of the above, this board:

» i) does not uphold Appellants' contentions;;

» ii) upholds the contracting decision in the award of the tender;

»iii) directs that the deposit paid by the Appellants should not be refunded."

11.Illi in vista ta' din id-decizjoni, is-soċjetà rikorrenti pprezentat appell quddiem il-Qorti tal-Appell u l-istess Qorti fis-sentenza taghha tad-9 ta' Marzu 2020, fl-ismijiet "Sultech & Co (P-14777) vs Ministeru għal Għawdex, Direttorat għall-Iżvilupp Reġjonali EkoGħawdex u Anthony Mercieca, ċaħdet l-ewwel żewġ aggravji tas-soċjetà rikorrenti u laqgħet it-tielet aggravju, iżda filwaqt li ħasret id-deċizjoni tal-Ministeru intimat, l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat li minkejja:

> "Dan kollu huwa biżżejjed biex titħassar id-deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil Mercieca, iżda dan ma jfissirx illi l-offerta ta' Mercieca għandha titwarrab bla ma titqies mill-ġdid, flimkien mal-offerti validi l-oħra, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula fuq. Sewwa jgħid il-Ministeru fit-tweġiba tiegħu illi, dwar l-obbligu tal-oblatur "[to] provide data concerning subcontractors and the percentage of works to be subcontracted" 2 , hemm in-nota 2(B) illi tgħid illi l-oblaturi għandhom jagħtu kull tagħrif nieqes fi żmien ħamest ijiem wara li ssirilhom talba għalhekk. Fiċ-ċirkostanzi l-kumitat tal-għażla kellu d-dmir jitlob dan it-tagħrif nieqes qabel ma jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu."
>
> *26. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi tħassar id-deċiżjoni tal-kumitat tal-għażla illi l-kuntratt jingħata lil Mercieca u tħassar ukoll id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla, b'dan illi fiċ-ċirkostanzi d-depożitu mħallas minn Sultech sabiex setgħet tressaq l-oġġezzjoni tagħha quddiem dak il-bord għandha tintradd. Tordna illi l-proċess tal-għażla jsir mill-ġdid wara li l-kumitat tal-għażla jitlob u jingħata t-tagħrif meħtieġ kif imfisser fuq."*

12.Illi wara din id-deċiżjoni, fil-11 ta'Mejju 2020, l-kumitat tal-għażla mexa mas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell u reġgħet saret l-

evalwazzjoni mill-ġdid. Fir-rigward tal-offerta ta' Anthony Mercieca il-kumitat talab lil Anthony Mercieca jipprovdi dettalji tal-persuni li kienu se jagħmlu x-xogħol u r-relazzjoni bejniethom u anke staqsew għal provi biex jappoġġjaw l-offerti u s-sottomissjonijiet dwar il-kontinġenzi;

13. Anthony Mercieca ipprovda din l-informazzjoni fiż-żmien stipulat;

14. Wara li evalwat l-offerti kollha, il kumitat tal-għażla laħaq id-deċiżjoni li l-irħas offerta mil-lat amministrattiv u tekniku kienet ta' Anthony Mercieca u għaldaqstant ġie rakkomandat illi t-tender jingħata lilu;

15. Illi sussegwentement is-soċjetà rikorrenti reġgħet appellat quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi fejn reġgħet oġgezzjonat li t-tender jingħata lill-Anthony Mercieca.

16. Illi fl-1 ta' Settembru 2020, il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici ta d-decizjoni tieghu fejn iddecida illi:

*"a) All the necessary documentary evidence, as duly directed by the Court of Appeal, was submitted to the Authority by Mr Anthony Mercieca and found to conform with what was being requested.*

*b) The Evaluation Committee carried out their adjudication process in a just, fair and transparent manner, after re-evaluating the complaint offers.*

*c) The Evaluation Committee, in their deliberations, took all the issues raised by the Court of Appeal and abided by the principles of the Public Procurement Regulations.*

*d) The offer of Mr Anthony Mercieca is fully complaint and the cheapest.*

*e) The unjustifiable delays, through various appeal and applications, has been beneficial to Appellants and financially detrimental to the Authority.*

*In view of the above, this Board,*

*I. Does not uphold Appellants' contentions;*
*II. Upholds the Authority's decision in the recommendation for award;*
*III. Directs that, the deposit paid by Appellants should not be refunded".*

17. Illi ghal darb'ohra s-socjeta' rikorrenti regghet appellat minn din id-decizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell.

18. Illi l-Qorti tal-Appell tat is-sentenza taghha fl-1 ta' Dicembru 2020 fejn iddecidiet illi: *"Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi thassar id-decizjoni tal-kumitat tal-ghazla illi l-kuntratt jinghata lil Mercieca u thassar ukoll id-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla , b'dan illi fic-cirkostanzi d-depositu mhallas minn Sultech sabiex setghet tressaq l-oggezzjoni taghha quddiem dak il-bord ghandha tintradd. Tordna illi l-process tal-ghazla jsir mill-gdid wara li l-kumitat tal-ghazla jitlob u jinghata t-taghrif mehtieg kif imfisser fuq.*

19. Illi li ma semmitx is-socjeta' rikorrenti fir-rikors taghha ghal dan il-mandat hu li fit-28 ta' Dicembru 2020, hi pprezentat rikors ai termini tal-artikolu 825, fl-atti tal-appell 286/2020, fejn talbet lill-Qorti tal-Appell sabiex ticcara d-decizjoni taghha. .

20. Illi fid-9 ta' Frar 2021, il-Qorti tal-Appell tat digriet ghal dan ir-rikors u qalet li l-Art. 825 mhux applikabbli ghal kaz, u ghalhekk cahdet it-talba tas-socjeta' rikorrenti u stiednet lill-istess socjeta' sabiex juza' l-procedura appozita.

21. Izda nonostanti tali stedina, is-socjeta' rikorrenti ma resqet l-ebda procedura ohra.

*Kunsiderazzjonijiet Legali*

22. Fl-isfond ta' dawn il-fatti, l-esponenti sejrin jipproċedu biex jispjegaw il-għala fl-umli fehma tagħhom it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni mitluba mis-soċjetà rikorrenti m'għandhiex tintlaqa';

23. In vena legali nsibu mniżżel fl-artikolu 873(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat;

24. Fil-ġeneralita` tal-każijiet, il-Qorti għandha tawtorizza l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jekk ir-rikorrent ikollu mid-daqqa t'għajn (cioe` *prima facie*) il-jedd oġġettiv u mhux soġġettiv li jwaqqaf jew iżomm lill-intimat milli jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew li biha tista' ġġiblu ħsara jew preġudizzju u li l-mandat irid ikun meħtieġ biex jiġi konservat dak il-jedd (ara fost oħrajn id-deċiżjoni fl-ismijiet *John Bray et vs Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta* mogħtija fis-16 ta' Lulju 2008);

25. Iżda meta t-talba għall-ħruġ tal-mandat tkun qegħda ssir kontra l-Gvern jew kontra xi persuna b'kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha (bħal f'dan il-każ kontra s-Segretarju Permanenti fi ħdan l-Ministeru t'Għawdex u d-Direttorat għall-Iżvilupp Reġjonali EkoGħawdex), b'żieda maż-żewġ elementi msemmija fil-paragrafi preċedenti, is-soċjeta' -rikorrenti biex tirnexxi fit-talba tagħha għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni trid turi wkoll skont l-artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, (a) li l-ħaġa li hija qed titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq fuqu jkun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma (ara d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta tal-15 ta' Diċembru 2008 fl-ismijiet *Supretendent Anzjan Raymond G. Zammit vs Il-Ministru tal-Intern u Ġustizzja et*);

26.Għalhekk, fil-każ ta' rikorsi għall-ħruġ ta' mandati ta' inibizzjoni kontra entitajiet tal-Gvern, huma tliet ħwejjeġ li l-Qorti għandha tqis meta tasal għad-deċiżjoni tagħha: -

- Jekk ir-rikorrent għandu mid-daqqa t'għajn (ċjoè *prima facie)* il-jedd oġġettiv u mhux soġġettiv li jwaqqaf jew iżomm lill-intimati milli jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew li biha tista' ġġiblu ħsara jew preġudizzju;

- Li l-mandat irid ikun meħtieġ biex jiġi kkonservat dak il-jedd (ara fost ħafna oħrajn id-deċiżjoni fl-ismijiet *John Bray et vs. Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta* mogħtija fis-16 ta' Lulju 2008*)*, b'dana li jekk il-mandat ma jinħariġx, dak il-jedd jista' jintilef darba għal dejjem; u

- Li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma (ara fost oħrajn id-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Diċembru 2008 fl-ismijiet *Supretendent Anzjan Raymond G. Zammit vs. Il-Ministru tal-Intern u Ġustizzja et*);

27.Kif imbagħad ġie tajjeb spjegat fid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħti fil-31 ta' Jannar 2011, fl-ismijiet *V & C Contractors Limited et vs. Direttur tal-Kuntratti*, it-tliet elementi tal-artikolu 873 fuq imsemmija, huma kumulattivi u mhux alternattivi, b'dana li anke jekk wieħed minnhom ma jirriżultax pruvat, il-mandat ta' inibizzjoni ma jistax jiġi milqugħ;

*a. Illi s-soċjetà rikorrenti prima facie m'għandhiex dawk il-jeddijiet li qed tippretendi illi għandha*

28.Nitilqu bl-ewwel rekwiżit, dak li jikkonċerna l-jedd *prima facie*. F'dan ir-rigward l-esponenti sinċerament ma jistgħux jifhmu x'inhuwa

eżattament dak il-jedd oġġettiv li s-soċjetà rikorrenti tixtieq illi tiddefendi bil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. Infatti jekk dan il-mandat jintlaqa', l-process tal-evalwazzjoni tat-tender in kwistjoni ma jkunx jista' jitkompla sakemm ma tigix terminata l-kawza li segwi dan il-mandat.

29.Illi meta l-Qorti tal-Appell tat is-sentenza taghha hija ma talbitx li l-offerta tal-oblatur Anthony Mercieca ghandha titwarrab imma biss ikkancellat id-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla.

30.Illi inoltre', jekk dan il-mandat jintlaqa', l-Bord tal-Ghazla li huwa newtrali, imparzjali u integru, se jigi mizmum milli jezercita' r-rwoli tieghu moghtija lilu mill-ligi fosthom li jiggudika tender pendenti.

31.Għaldaqstant, tħares minn fejn tħares is-soċjetà rikorrenti ma kelliex jedd x'tipproteġi bil-proċeduri odjerni stante r-ragunijiet imsemmija hawn fuq.

*b Is-soċjetà rikorrenti ma hija sejra tbati minn ebda preġudizzju*

32.Kif imsemmi iktar 'il fuq, fir-regolament 277(5) s-soċjetà rikorrenti m'għandha ebda jedd ta' azzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti għax kellha rimedji oħrajn għad-disposizzjoni tagħha. L-esponenti jirreferu ghad-digriet fl-ismijiet Dr Kenneth Grima noe vs Id-Direttur Generali tal-Kuntratti (Mandat ta' Inibizzjoni numru 288/2013) mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Marzu 2013 fejn gie osservat illi:

"Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-ħsara lamentata mir-rikorrenti tkun tista' tigi rimedjata mod ieħor".

33.Illi l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jew li l-ħsara li minna r-rikorrent jilmenta trid tkun waħda li ma tistax

tissewwa b'mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha imqar b'decizjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu jigi nieqes it-tieni element għall-ħruġ tal-mandat. Għaldaqstant, *dato ma non concesso,* anke f'każ li-soċjetà rikorrenti ħa ssofri xi ħsara pekunjarja minħabba din is-sejħa ta' interess, kif tajjeb intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-diġriet *Computime Limited vs Malta Information Technology Agency et* deċiż fl-14 ta' Diċembru, 2012, "Ħsara jew preġudizzju ma titqies bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioe` telf ta' qliegħ jew flus". Jiġifieri jekk sitwazzjoni tista' tiġi rimedjata b'azzjoni għar-riżarċiement għad-danni allura l-ħruġ tal-mandat ma jibqax iktar neċessarju u impellanti (ara f'dan is-sens id-digriet *L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci noe vs id-Direttur tal-Kuntratti* tat-18/07/2008);

34.Għaldaqstant anke t-tieni element għall-ħruġ tal-mandat jinsab nieqes billi s-soċjetà rikorrenti m'għandha f'idejha l-ebda jedd li jista' jiġi kkonservat u mhux se ssofri xi danni irrimedjabbli;

*ċ. Is-soċjetà rikorrenti ma ppruvatx sal-grad rikjest mil-liġi li l-preġudizzju li ser issofri hu sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma*

35.Illi infatti s-socjeta' rikorrenti kull ma qalet fir-rikors ghal dan il-mandat illi:
*"Illi jekk dan il-Mandat ma jintlaqax il-pregudizzju li jinholoq lis-socjeta' attrici jkun sproporzjonat meta mqabbel mal-ghemil tal-haga li qieghda tintalab li tigi mizmuma. Il-pregudizzju huwa manifestament sproporzjonat ghaliex l-izvantagg huwa ta' hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq, ghalhekk l-esponenti huma kostretti li jipprocedu permezz ta' din il-procedura",* u ma tat l-ebda raguni ghaliex waslet ghal din il-konkluzzjoni;

*36.* Illi kif diga' ntqal hawn fuq, kull ma ddecidiet il-Qorti tal-Appell kien li thassar u tikkancella d-decizjoni li ha l-Bord ta' Revizjoni tal-Kuntratti Pubblici fl-1 ta' Settembru 2020, u thassar ukoll id-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla. B'hekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma talbitx li

l-offerta tal-oblatur Anthony Mercieca, jew ta' xi oblatur iehor ghandha titwarrab u minflok it-tender in kwistjoni tinghata direttament lis-socjeta' rikorrenti;

*37.*Illi l-infatti mhux minnu, kif allegat is-socjeta' rikorrenti fil-mandat in kwistjoni li l-Qorti tal-Appell qalet li oblatur Anthony Mercieca ghandu jigi skwalifikat mill-process;

*38.* Illi dan ifisser li l-Qorti tal-Appell poggiet lil Bord tal-Ghazla fl-istess *status quo* li kien qabel ma beda jiggudika din it-tender;

*39.*Illi ghal grazzja tal-argument, il-Qorti tal-Appell lanqas ma ddecidiet li l-*Contracting Authority* ghandu bilfors tissokta bit-tkomplija ta' din it-tender;

*40.*Illi ghalhekk, tkun xi tkun l-azzjoni tal-esponenti, mhux minnu li b'tali azzjoni li jkunu se jiehu se jittentaw igibu fix-xejn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Dicembru 2020, kif allegat is-socjeta' rikorrenti fil-mandat odjern;

41.Illi ghalhekk anke l-element tal-proporzjonalità ma jinsabx sodisfatt;

Għaldaqstant għal dawn ir-ragunijiet premessi l-esponenti umilment jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti.

Rat li r-rikorrenti pprezentat rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") kontra l-intimati fit-18 ta` Frar 2021.

Il-qorti rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat li fit-18 ta` Frar 2021, il-qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti

lill-intimati, b`erbat (04) ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal nhar it-03 ta' Marzu, 2021.

Rat li l-intimati kienu notifikati fit-18 ta` Frar 2021 u pprezenta risposta fit-22 ta` Frar 2021.

Il-qorti fliet id-dokumenti kollha fl-atti.

Semghet ix-xhieda ta' Joseph Cutajar u Marlon Sultana ghall-intimati.

Wara li saru sottomissjonijiet fis-seduta tat-03 ta' Marzu, 2021, ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

**Dan huwa l-provvedimen**t.

**It-talba**

Ghar-ragunijiet li kienu specifikati fir-rikors, ir-rikorrenti talbet lill-qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex l-intimati jinzammu milli jikkancellaw, iwarrbu u, jew b'xi mod ma jissoktax bil-process tal-ghoti tat-tender bit-titolu "Framework Agreementfor the Provision, Maintenance and regular Collection of Open skips at Various sites in Gozo, jew li b'xi mod jagixxi tali li jkun qed jevadi dak li giet stabbilit mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza ta' l-1 ta' Dicembru, 2020 fl-ismijiet "Sultech &Co (P1477) vs Ministeru ghal Ghawdex et.

Da parti tieghu l-intimati jichdu bhala nfondat l-jedd li r-rikorrenti tippretendi li ghandha sabiex titlob il-hrug tal-Mandat abbazi tar-ragunijiet li kienu ndikati fir-risposta, u sorretti minn dokumenti.

Sintetikament il-kwistjoni bejn il-partijiet tirrigwarda process ta ghoti ta tender ghal gbir ta materjal minn diversi siti f'Ghawdex. Jirrizulta li bejn il-partijiet hemm saga shiha ta proceduri gudizzjarji li jirrigwardaw l-ghoti ta din it-tender u l-process konness maghha. Ir-rikorrenta trid li l-intimati jigu mizmuma milli b'xi mod iwaqqfu il-process ta l-ghoti tat-tender ghax skond ir-rikorrenta dan ser jkun ta pregudizzju ghaliha.

**ID-DRITT.**

Il- mandat t'inibizzjoni il-liġi tgħoddu bħala wieħed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(ħ) kodiċi ritwali);

Illi l-liġi tgħid ukoll li "**Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet"** ;

Għalhekk minn qari akkurat tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, jirriżulta illi l-Qorti hija prekluża milli tordna l-ħruġ tal-Mandat, sakemm ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti li ġejjin :-

a) Il-Mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti – *periculum in mora;*
b) Ir-rikorrenti ghandhom dawk il-jeddijiet sal-livell tal-*prima facie;*

**ĠURISPRUDENZA**

Fil-konfront ta' mandat kawtelatorju hekk kif inhu il-mandat ta' inibizzjoni il-gurista taljan Consolo jghid illi *"Sembra perciò doversi concludere che ciò che qualifica la misura cautelare è l'aspetto funzionale rispetto alla tutela ordinaria. La prima, infatti, è concessa al fine di garantire l'effettività della seconda, neutralizzando il pericolo di tardività o infruttuosità che può incombere sul provvedimento finale a cognizione piena in considerazione del tempo resosi necessario per la sua pronuncia. Si tratta, in*

*altri termini, di verificare la sussistenza di un periculum in mora non generico, ossia diverso da quello insito in una qualsiasi situazione di attesa"*[1]

Rigward l-element tal-*prima facie* il-Qorti tal-Appell[2] ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor il-jedd irid jidher '*prima facie*', jiġifieri ma' l-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi *prima facie*. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta`, disaġju jew tħassib[3].

> L-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' l-Mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja[4].

Il-proċedura hija wkoll waħda sommarja. Dan ifisser illi quddiem din il-Qorti ma hux mistenni illi jitressqu dawk il-provi illi għandhom jitressqu waqt il-kawża dwar il-jedd u għalhekk dan ifisser wkoll illi meta tintlaqa it-talba għal ħruġ tal-mandat dan ma jkunx ifisser illi dak il-jedd ġie ippruvat u daqstant ieħor illi il-jedd ma jeżistix meta it-talba għal ħruġ tal-mandat ma tintlaqax. Il-mansjoni ta' din il-Qorti huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.

---

1 Spiegazioni di diritto processuale civile

2 Grech pro et noe v Manfre', Qorti ta' l-Appell, deċiża 14 ta' Lulju, 1988.

3 Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismjiet Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et, Qorti tal-Kummerċ 26-05-1995.

4 Ulrich Barfuss v Perit John u Mariella konjuġi Gambina, Rik. Nru. : 1103/19, 26 ta' Settembru, 2019

**RIŻULTANZI**

Il-qorti sejra tqis jekk jirrizultax l-ewwel rekwizit u cioe` il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti. Jekk jirrizulta, allura tghaddi sabiex tqis is-sussistenza o meno tar-rekwiziti l-ohra. Jekk ma jirrizultax, allura jkollha tieqaf hemm ghaliex il-konsiderazzjoni tar-rekwiziti l-ohra ssir esercizzju nutili propju ghaliex kif diga` nghad ir-rekwiziti huma kumulattivi mhux alternattivi, u allura jekk imqar rekwizit wiehed ikun nieqes, il-qorti hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat. Fi procediment ta` din ix-xorta, jispetta lir-rikorrenti l-oneru li taghmel il-prova li *prima facie* ghandha jedd sabiex titlob il-hrug tal-Mandat.

It-talba tar-rikorrenta ghal hrug tal-mandat ta inibizzjoni hija sabiex l-intimati jinzammu milli jikkancellaw, iwarrbu jew ma jissokktawx bil-process tal-ghoti tat-tender. Ma hux qed jintalab li l-process jitwaqqaf izda li ma jitwaqqafx. Ir-rikorrenta issostni li hija ghandha l-jedd li tikkompeti. Il-Qorti izda tqis li l-jedd li tikkompeti jinholoq biss meta jkun hemm l-opportunita appozita. Fil-kaz odjern ir-rikorrenta qed tippretendi li ghandha dritt li bil-hrug tal-mandat ta inibizzjoni twaqqaf lill-intimati milli jhassru it-tender minnha msemmi sabiex hija mbaghad tkun tista tikkompeti.

Il-Qorti izda tqis li r-ikorrenta *prima facie* ma ghandhiex il-jedd li twaqqaf awtorita pubblika milli tezercita d-diskrezzjoni amministrattiva taghha sabiex imbaghad hija tkun tista tikkompeti. Huwa fatt li sta ghal intimati qua amministraturi ta fondi pubblici li jidentifikaw huma u hadd aktar x'inhuma l-htigijiet fl-oqsma taghhom u jiehdu l-azzjoni necessarja sabiex jigu indirizzati dawk il-htigijiet o meno.

**Provvediment**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti, filwaqt illi qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet li tat fit-18 ta` Frar 2021 safejn laqghet provvizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors taghha tat-18 ta` Frar 2021. Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez ta` dan il-procediment.

Moghti kameralment illum 11 ta' Marzu, 2021.

(ft.)Dr. Brigitte Sultana

Magistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur